MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 1491/2001/1

**Commercial Services Bureau (CSB) Limited**

**vs**

**Grima Communications Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Settembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

It-Tribunal ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm568.53c (hames mija u tmienja u sittin lira Maltin u

tlieta u hamsin centezmu) rappresentanti l-hlas ghas-servizz moghti mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta, liema servizz inghata fuq ordni ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta’ konvenuta ddikjarat li s-socjeta’ attrici naqset milli taghti servizz kif mitlub mis-socjeta’ konvenuta u ghalhekk mhux dovut hlas jew kumpens tas-servizz moghti kif deherilha hi. Is-socjeta’ konvenuta ddikjarat ukoll li s-servizz li nghata kien wiehed ghal kollox “finta”, ineffikaci, negligenti u inutili li halla s-socjeta’ attrici b’lista twila ta’ “bad debts” u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta kellha taghmel spejjez doppji u ghalhekk mhux dovut ebda hlas jew kumpens ghas-servizz lis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Michael Zammit u ra d-dokumenti esebiti.

Michael Zammit qal li hu d-direttur tas-socjeta’ attrici u li l-istess socjeta’ kienet ghamlet ftehim verbali mas-socjeta’ konvenuta dwar servizz li hi kellha taghti lis-socjeta’ konvenuta. Huwa qal li s-socjeta’ attrici kienet tohrog invoice lil kull min kien jaghmel reklam u statement kull xahar lid-debituri tas-socjeta’ konvenuta. Meta dawn kienu jhallsu lis-socjeta’ attrici kienet tibghatilhom ircevuta u kopja taghha kienet tintbaghat lis-socjeta’ konvenuta. Hija kienet tibghat ukoll kopja tal-invoice lis-socjeta’ konvenuta. L-informazzjoni ghall-invoicing kienet tingabar fl-ahhar tax-xahar minn rapprezentant tas-socjeta’ attrici mis-socjeta’ konvenuta.

Ghal dan is-servizz is-socjeta’ konvenuta kellha thallas Lm195.00c (mija u hamsa u disghin lira Maltin) fix-xahar lis-socjeta’ attrici. Meta s-socjeta’ konvenuta ma kienitx qed thallas Dr Lynn Zahra qaltlu li ma kienitx ser thallas ghax ix-xoghol ma kienx sar tajjeb u qaltlu ukoll iwaqqaf is-servizz. Dan id-diskors sar qabel ma nharaq ir-radio station u wara li s-socjeta’ attrici kienet ilha taghti dan is-servizz ghal madwar erba’snin. Qabel dan id-diskors is-socjeta’ konvenuta qatt ma ilmentat dwar is-servizz tas-socjeta’ attrici

Kontro-ezami:

Michael Zammit qal li hu kien jigbor l-informazzjoni biex iwettaq is-servizz fuq imsemmi mill-kuntratti li kienet taghmel is-socjeta’ konvenuta mal-klijenti taghha u ghalhekk kien jibghat l-invoices skond l-indirizzi f’dawn il-kuntratti.

Ra s-seduta tas-26 ta’ Frar, 2003 u sema’ lil Michael Zammit li qal li minn Awwissu tal-1998 il-ftehim kien li s-socjeta’ konvenuta thallas lilhom Lm195.00c (mija u hamsa u disghin lira Maltin) fix-xahar tas-servizz taghhom u li saru tlett pagamenti mentri l-ahhar tlieta ma thallsux. Huwa qal li jippretendi l-hlas taghhom u li darba kien baghat e-mail lis-sur Grima biex ifakkru fuq il-bilanc pendenti u r-risposta tieghu kienet li huma ma kienux l-unici kredituri tieghu u li kellhom jistennew.

Kontro-ezami:

Michael Zammit ikkonferma lista tad-debituri tas-socjeta’ konvenuta pprezentata lilu. Ikkonferma ukoll l-episodju meta Dr Lynn Zahra qalet li s-socjeta’ konvenuta ma kienitx se thallashom iktar izda ma ftakarx li taghtu raguni ghal dan. Huwa qal li l-invoices kienu jintbaghtu u li xi drabi kienu jsiru ilmenti lill-impjegati tieghu li kienu jinformawh.

Ri-ezami:

Michael Zammit qal li l-ilmenti kienu jsiru biss dwar il-kontenut tal-invoices u mhux dwar l-invoice per se. Huwa qal li l-informazzjoni li kienu jnizlu fl-invoice kienu jgibuha minghand is-socjeta’ konvenuta. Il-hlasijiet kienu jsiru lis-socjeta’ konvenuta.
Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Grima fejn qal li l-ftehim bejn iz-zewg socjetajiet kien wiehed orali u kien jikkonsisti fil-billing u l-gbir tal-flus mis-socjeta’ attrici. Huwa qal li meta nharraq il-post huma talbu l-lista tad-debituri taghhom minghand is-socjeta’ attrici u mill-lista pprezentata lilhom

harget tahwida shiha. Ghalhekk huma hallew kollox f'idejn l-avukat biex taghmel ricerka dwar dawn id-debituri.

Joseph Grima kkonferma li kien baghat l-e-mail fuq imsemmija fejn informa lis-socjeta' attrici li kellha tistenna mal-kredituri l-ohra. Huwa qal l-invoices li kienet baghtitilhom is-socjeta' attrici ma kienux kompluti li xi debituri ma kienux ircevew l-invoices. Huwa semma ezempji ta' xi invoices li ma kienux korretti u li b'konsegwenza tilfu l-flus. Huwa qal li meta saru t-tlett pagamenti lis-socjeta' attrici, kienu "on air" u li d-difetti fix-xoghol taghha rrizultaw meta wara li nharraq l-istazzjon bdew jigbru l-flus huma.

Kontro-ezami:

Joseph Grima kkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet obbligata thallas is-socjeta' attrici l-Lm195.00c (mija u hamsa u disghin lira Maltin). Huwa qal li ma kienx jaqra l-invoices hu izda kien jghaddihom lil accountant. Qal ukoll li s-socjeta' attrici kienet tigbor l-informazzjoni biex tibghat il-kontijiet minghand is-socjeta' konvenuta izda li r-responsabilita' tal-indirizzi u ammonti kienet tas-socjeta' attrici u li kien l-obbligu ta' l-istess socjeta' li tassiguraw li din l-informazzjoni moghtija lilha kienet tajba.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li Rocco Camilleri, accountant ma' MPS Limited qal li huma kienu jibbukjaw spazju tal-advertising ghan-nom ta' Grima Communications Ltd. Huwa kkonferma li kien jircievi invoices u statements minghand Grima Communications jew xi hadd iehor ghax xoghol li kienu jaghmlu.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Drago li qal li huwa kien ircieva invoice u li dwaru infethet kawza kontra tieghu bhala direttur ta' Vision Centre Ltd.

Sema' x-xhieda ta' Matthew Brincat li qal li kien hemm kawza bejn Grima Communications Limited u Edmar

Clothing Limited izda giet ceduta mis-socjeta' konvenuta ghax gie ppruvat li l-ammont dovut kien thallas.

Sema' x-xhieda ta' Dr Lynn Zahra li qalet darba Michael Zammit qalilha li ried jithallas. Hija qalet li meta rat il-lista tad-debituri moghtija minghand Michael Zammit u sabet li numru sostanzjevoli ta' indirizzi kienu insufficenti. Dr Zahra qalet ukoll li kienet baghtet ittri ufficjali lil xi debituri izda dawn baghtulha dokumenti li jikkonfermaw li huma kienu hallsu.

Dr Zahra esebiet dokumenti elenkati fix-xhieda taghha kif ukoll diversi dokumenti ohra inkluz il-processi allegati ma' dan il-process.

Ra l-atti kollha tal-kawza u sema' t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Mill-provi jirrisulta li bejn il-kontendenti kien hemm il-ftehim li s-socjeta' attrici taghti s-socjeta' konvenuta s-servizz ta' invoicing u ta' hrug ta' statements u ricevuti u ghal dan ix-xoghol is-socjeta' konvenuta kellha thallas Lm195.00c (mija u hamsa u disghin lira Maltin) fix-xahar lis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici setghet biss twettaq dan is-servizz billi tigbor l-informazzjoni necessarja minghand is-socjeta' attrici li kienet taghmel il-kuntratti mal-klijenti taghha.

Illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova li kien l-obbligu tas-socjeta' attrici li taghmel ir-ricerka ghal din l-informazzjoni jew li b'xi mod kellha tivverifikha hi. Ghalhekk kien fl-interess tas-socjeta' konvetuta li taghti lis-socjeta' attrici l-informazzjoni tajba, necessarja u kompluta.

Illi mix-xhieda prodotta mis-socjeta' konvenuta jidher li seghta kien hemm informazzjoni nkompluta li b'risultat tieghu x-xoghol li wetqet is-socjeta' attrici ma kienx effettiv. Dan ma kienx konsegwenza tan-negligenza tas-socjeta' attrici billi hija ghamlet uzu mill-istess informazzjoni li taghtha s-socjeta' konvenuta.

Il-fatt per ezempju li debitur ibiddel l-inidirizz ma jfissirx li s-socjeta' attrici naqset li taghmel ix-xoghol taghha.

Illi l-fatt li s-socjeta' konvenuta kienet hallset diversi pagamenti u meta originalment giet mitluba biex thallas is-socjeta' konvenuta kienet qalet li kellha diversi kredituri u s-socjeta' attrici kellha tistenna qabel ma tippretendi l-hlas juru li s-socjeta' attrici kienet taghmel ix-xoghol miftiehem. Illi Joseph Grima qal li baghat l-e-mail fejn qal lis-socjeta' attrici biex "jidhol fil queue" biex "jehles minnu". Kieku s-socjeta' attrici ma kienitx qieghda taghmel ix-xoghol taghha Joseph Grima kien jinforma lis-socjeta' attrici b'dan il-fatt u mhux jipprova "jehles minnu".

Joseph Grima jghid li huma sabu li xi nies kienu ghalqu u l-invoices komplew jintbaghtu. Illi mhux tort tas-socjeta' attrici jekk dawk is-societajiet li kienu ghamlu xi riklam "ghalqu". Ma ngabitx prova li s-socjeta' attrici kienet informata b'xi bdil ta' cirkostanza u baqghet tibghat invoices lil indirizz originali. Joseph Grima jghid li kien hemm ftehim specjali ma' Peresso izda l-invoice ntbaghat fuq il-prezz regulari. Illi certament kien id-dover tas-socjeta' konvenuta li tipprova li kienet informat lis-socjeta' attrici b'dan il-bdil ta' prezz.

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li l-ammont mitlub huwa dovut.

Ghalhekk jichad ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta l-ammont ta' Lm568.53c (hames mija tmienja u sittin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu)."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta bis-segwenti aggravji:-

1. It-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni jkompli jiehu konjizzjoni tat-talba attrici gjaladarba d-difiza taghha kienet artikolata fuq ksur tal-kuntratt;

2. Fil-meritu, l-apprezzament li sar mit-Tribunal kien wiehed zbaljat. Hi ssostni li l-oneru tal-provi kien jaggrava fuq is-socjeta` attrici u din ma rnexxilhiex tipprova t-talba taghha. Tallega li s-socjeta` attrici kienet negligenti u kissret il-kuntratt billi ipprovdiet servizz ineffettiv u waqfet ukoll milli tkompli bis-servizz;

3. It-Tribunal wettaq fil-konfront taghha ksur tal-gustizzja naturali billi ma zammx mohh miftuh dwar il-gbir tal-provi.

It-twegiba da parte tas-socjeta` attrici ghal dawn l-aggravji huma kif gej:-

1. L-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni kellha titqajjem 'in limine litis' u la ma tqajjmetx quddiem it-Tribunal ma tistghax tigi sollevata fl-istadju tal-appell;

2. Gie pprovat minnha illi ipprestat is-servizzi lilha affidati skond kif akkordat tant li qatt ma sarulha lmenti illi s-servizzi taghha kienu mankanti;

3. Hi totalment infondata l-asserzjoni illi twettqet mit-Tribunal vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali. Il-partijiet gabu l-provi li xtaqu u l-kawza giet ittrattata miz-zewg kontendenti.

Jigi rilevat mill-ewwel, a skans ta' ekwivoci, illi l-aggravji sollevati huma ghal kollox insostenibbli u tabilhaqq l-ebda wahda minnhom ma timmerita konsiderazzjoni xierqa jew akkoljiment.

Jibda biex jinghad illi ma tezisti l-ebda raguni logika jew guridika ghas-sostenn ta' l-ewwel aggravju. L-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ma tistghax titqajjem fl-istadju ta' l-appell tant li jinsab enuncjat fil-proviso ta' l-artikolu 774 tal-Kap 12 illi " l-eccezzjonijiet ta' inkompetenza ma jistghux jinghataw u lanqas ma jistghu jigu dikjarati ex officio, f'qorti fi grad ta' appell". Hu in fatti principju pacifiku illi "quando l'eccezzione d'incompetenza non e` stata apposta in limine litis s'intende rinunziata" (**Kollez Vol. XXIV pIII p1067**). Kien jinkombi fuq is-socjeta`

appellanti li tissolleva tali eccezzjoni u anke kieku, “gratia argomenti”, din kienet wahda ta’ ordni pubbliku l-fatt li ma gietx sollevata lanqas ‘ex officio’ mit-tribunal, ma jfissex li din issa tista’ titqajjem in sede appell. Ara “**Anthony Fenech et -vs- Anthony Gauci et**”, Appell, 9 ta’ Marzu 1999. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

It-tieni aggravju, kif fuq koncizament espost, hu wiehed prettament ta’ apprezzament ta’ fatt fid-dawl tal-provi prodotti quddiem it-Tribunal. Aggravju dan li ma kien jimporta l-ebda wahda mill-ipotesijiet precizati fl-Artikolu 8 (2) tal-Kap 380, kif ulterjorment estiz bl-Artikolu 228 ta’ l-Att XXXI ta’ l-2002 biz-zieda tas-sub-artikolu (3) ta’ l-istess Artikolu (8), hlief forsi ghall-applikazzjoni tal-principju bazilari li min jallega kien obbligat li jipprova l-assunzjoni centrali tieghu. Principju dan li s-socjeta` appellanti tinterpretah fis-sens li s-socjeta` appellata naqset milli adegwatament tipprova l-premessi ghat-talba taghha.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti u tista’ tghid li assolutament ma ssib xejn x’ticcensura fil-mod kif it-Tribunal evalwa l-provi quddiemu.

Jirrizulta bhala fatt illi fil-bidu s-socjeta` appellata, oltre s-sottomissjoni tal-invoices, kienet tiehu hsieb ukoll tigbor il-hlasijiet dovuti ghar-reklamar u tircievi percentagg fuq dan id-dhul. Din is-sitwazzjoni baqghet hekk sa Awissu 1998. Ara xhieda ta’ Michael Zammit (fol 55). Minn dan il-perijodu l-quddiem il-ftehim maqbul bejn il-partijiet kien dak li s-socjeta` appellata ma tkompliex tigbor il-hlasijiet izda tippresta servizz konsistenti fi hrug ta’ “invoices, receipts u statements” (fol 59). Ghal dan il-ftehim kien pattwit hlas prefiss ta’ mija u hamsa u disghin lira (Lm195) fix-xahar.

Dwar il-precitat ftehim ma jirrizultax illi tezisti diskordanza bejn il-kontendenti, tant li d-dettal tieghu hu ammess u accettat mix-xhud Joe Grima ghas-socjeta` appellanti (fol 71). Il-vera kontestazzjoni tidher li tikkonsisti mill-fatt illi, dejjem skond l-ahhar imsemmi xhud, dan ippretenda li kien obbligu tas-socjeta` attrici appellata illi din tassigura li

l-informazzjoni provvduta lilha mill-istess socjeta` appellanti kellha tkun tajba (fol 73).

Tali argoment huwa ghal kollox insostenibbli u ghamel sewwa t-Tribunal li rrigettah. Dan ghar-raguni semplici u ovvju illi gjaladarba l-informazzjoni kienet qed tigi provduta mis-socjeta` appellanti kellha tkun din l-istess socjeta` li kellha doverosament tassikura li l-informazzjoni tkun "tajba, necessarja u kompluta", u mhux vice-versa kif hekk pretestwozament sottomess mis-socjeta` appellanti.

Il-vera raguni tan-nuqqas tal-hlas reklamat ma jsib l-ebda konfort fil-precitat argoment u lanqas sostenn fl-argoment sussidjarju tan-negligenza fl-ezekuzzjoni tas-servizz da parte tas-socjeta` appellata, izda fl-e-mail mibghuta mis-socjeta` appellanti lis-socjeta` attrici biex din tistenna fil-queue mal-kredituri l-ohrajn. Din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta` appellata skarikat il-piz inkombenti fuqha li hi pprestat is-servizzi lilha assenjati fuq l-istregwa tal-informazzjoni provvduta u dan jintitolaha tiddomanda l-hlas ta' tali servizzi. Anke allura dan it-tieni aggravju ma jinsabx sostenut.

It-tielet u l-ahhar aggravju hu ghal kollox frivolu. Ezami anke superficjali tal-atti processwali juri li s-socjeta` appellanti giet koncessa l-fakolta` li ggib il-provi li xtaqet sakemm iddikjarat li ma kellhiex provi aktar x'tipproduci (ara verbal tat-2 ta' Gunju 2003) u ghamlet ukoll is-sottomissjonijiet taghha. Xejn kuntrarju allura ma jista' jinduci lill-Qorti tikkonkludi li t-Tribunal agixxa b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita`. Il-fatt li fil-gudizzju tieghu it-Tribunal ghazel li ma jaccettax id-difiza tas-socjeta` appellanti bl-ebda mod ma ghandu remotament ifisser li t-Tribunal agixxa b'mod parzjali bi pregudizzju ghas-socjeta` appellanti. Ifisser biss li t-Tribunal, fuq il-provi prodotti, kkonvinca ruhu li s-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti ma kienux validi u li inoltre s-socjeta` appellata rnexxielha tillegittima, bi provi certi, l-premessi ghat-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata tat-Tribunal konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------